Creative, Innovative, Professional

Maria Reġina College – Għargħur Primary
St Bartholomeo Street, Għargħur, Malta GĦR 1013
e-mail: mrc.gharghur.pr@ilearn.edu.mt I Tel No 25986540 I www.gharghurprimary.com
The School Motto – Let´s Reach Higher!!

DYSLEXIA FRIENDLY SCHOOL AWARD 2018 – 2021 DFS MEDE-MALTA

9/03/2021

Għeżież Ġenituri,

Nispera li tinsabu tajbin. Se naqsam magħkom ftit tagħrif.

Sal-mument li qed nikteb din iċ-ċirkulari kellna 4 każijiet pożittivi għall-Covid fl-iskola tagħna. Ċempilt lil kull familja tal-klassijiet li ntlaqtu, ħlief f'każ wieħed biss għax ma kienx hemm bżonn minħabba li l-istudent kien ilu ħmistax ma jiġi l-iskola, qabel ma ħareġ pożittiv. Serrħu raskom li kulfejn ikun hemm każ, jien inċemplilkom. Ta' min tkunu tafu li minflok inċempel, jien nista' nibgħatilkom email jew sms. Din hi d-direzzjoni minn fuq. Iżda minflok, jien nippreferi nċempel biex inkun nista' nispjegalkom sew u nwieġeb xi mistoqsijiet li forsi jkollkom dak il-ħin. Lil dawk il-ġenituri li ma ċempiltilhomx, ifisser li ma ġewx identifikati każijiet pożittivi fil-klassi fejn qegħdin uliedhom.

Meta fl-iskola aħna niġu mgħarrfa li għandna każ pożittiv, ir-rappreżentanta tal-covid tal-iskola tibgħat il-mod kif inhuma bilqegħda l-istudenti f'dik il-klassi partikolari u l-mod kif inhuma bilqegħda l-istudenti fil-vann, f'każ li l-istudent jirkeb il-vann. Imbagħad, il-*contact tracers* jiddeċiedu għandnix noqogħdu kwarantina u min għandu joqgħod. Din mhix xi ħaġa li niddeċiedu aħna.

Importanti li ngħid li aħna ma nistgħu nobbligaw lil ħadd biex jagħmel *swab test*. Lanqas ma nistgħu ngħidulkom biex it-tfal ikollhom riżultat tal-*iswab test* qabel ma jidħlu l-iskola wara kwarantina. Aħna nissuġerixxu biss. Imbagħad f'idejkom.

Fl-iskola, it-tindif qed isir spiss u rett. Qed nieħdu l-prekawzjonijiet meħtieġa kollha skont il-linji gwida tal-awtoritajiet.

Infakkar fil-**Fit for School** note li trid tingħata lill-għalliem kulmeta student ikun assenti mill-iskola wkoll għal ġurnata. Din tgħodd ukoll meta student jitlaq qabel mill-iskola minħabba mard.

L-istudenti kollha minn Year 1 sal Year 6 qed ikollhom lezzjonijiet virtwali tal-Art u Mużika. Studenti tal-Year 3 u 4 għandhom ukoll numru żgħir ta' lezzjonijiet tad-drama u *Health and Safety*. Ukoll l-istudenti tal-Year 4, 5 u 6 għandhom lezzjonijiet virtwali tax-Xjenza.

Grazzi lil kulmin ordna l-prinjolata. Issa se jkollna l-figolli għall-bejgħ. Kull student se jirċievi nota dwar dan fil-ġranet li ġejjin.

Infakkarkom biex taqsmu magħna kull diffikulta' u suġġerimenti li jkollkom. Tistgħu wkoll tkellmu lil xi membru tal-Kunsill Skolastiku li jirraprezenta lill-ġenituri. Infakkarkom min

huma – Oriana, omm Edward KG1.1 u Albert Year 1; Mandi, omm Kiran Year 4 u Ruben missier Giuliana Year 4.

**MARZU**

| | |
|---|---|
| 18 | X'hemM? Għal Dinja Aħjar. Kull klassi se jkollha attivitajiet ta' Xjenza u /jew Maths bejn 9a.m. u 10a.m. Se ntellgħu ritratti u videos fuq fb. |
| 19 | Vaganza |
| 31 | Vaganza |

**APRIL**

| | |
|---|---|
| 1 - 9 | Btajjel tal-Għid. |
| 12 | Nerġgħu nibdew skola. |

Inħeġġiġkom biex iżżuru l-website tal-iskola u l-paġna tagħna ta' fb.

Grazzi ta' kollox,

Ms Ben Ms Pat u Ms Pam
Kap tal-Iskola Asst Kapijiet